VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 71

fl-Uffiċċju tal-Kunsill, **it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2013 fl-17.00**

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, u l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Peter Buontempo.
Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli
l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u Valerie Borg gew skuzati

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 69 li saret nhar **il-Erbgħa 5 ta' Diċembru, 2012 fl-12.00 (nofs in-nhar)** u l-minuti tas-Seduta Nru. 70 li saret nhar **it-Tlieta 18 ta' Diċembru, 2012 fl-17.00hrs** kienu konfermati.

- Tender – Siege Bell. Nfetħu t-tlett Offerti, u ġew mgħotija lil:
    - Civil Works – AX Holdings
    - Play equipment – JGC Co. Ltd.
    - Electrical Works – Elton Borg

Il-Kunsill qabel dwar dan.

- Infetħu l-offerti tal-Cleaning of Water Culverts. L-irħas offerta kienet dik ta' Camray Co. Ltd.

- Infetħu l-offerti tal-Belveder u peress li l-offerti qabżu l-ammont tal-quotations kellha tinħareġ tender.

**1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku nforma li minħabba xi kambjamenti fil-pjanti tal-Proġett ta' Peacock Garden kienet se tiġi sottomessa Minor Amenment mal-MEPA. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1.2 Is-Sindku nforma li l-Istatwi ta' San Pawl u San Gwann ser jiġu restawrati fi żmien qasir. Il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mill-MEPA u jinbeda x-xogħol. Is-Sindku nforma li dawn ser ikun qed jitħallsu min skema iffinazjata mid-dipartiment tal-gvern lokali.

1.3 Is-Sindku nforma dwar il-gbir ta' skart – Skart għar-riċiklar. Peress li l-offerta tal-Green Pak kienet aktar waħda vantagjuza kienet ser tingħata l-go ahead biex tibda topera. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1.4 Is-Sindku informa li ix-xogħol fuq East street li kellu jibda fil-bidu ta' Jannar kien ser jibda fl-ewwel gimgħa ta' Frar minħabba li l-kuntrattur kien għadu qed jistenna l-informazzjoni min għand l-Water Services Corporation.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar Chinese Spring Festival li ser isir il-Ħadd 3 ta' Frar 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Sindku nforma l-Kunsill li rċieva l-Programm tal-Karnival 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.3 Is-Sindku nforma l-Kunsill li wara li saru l-interviews, l-bord ta' l-għażla ddeċieda li Clive Schembri kien ser jiġi mpjegat mill-Iskema ta' Impjieg inklussiv. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.4 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-performance bonus ta' Impjegati.

i. Gabriella Agius - Segretarja Ezekuttiva 10%
ii. Matthew Carbonaro - Town Centre Manager 6%
iii. Elaine Caruana – EU and International Affairs 6%
iv. Tony Galea – Clerk 6%
v. Emy Micallef – Clerk 6%
vi. Joseph Griffiths – Works Coordinator 6%
vii. Fabian Galea – Ex EU and International Affairs 6%

Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.5 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba biex il-Vacation Leave ta' l-impjegati kollha jiggedded għas-Sena 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.6 Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar komunikazzjoni mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni ta' l-ewwel quarter. Il-Kunsill għal issa ngħata ta' l-ewwel 3 xhur.

2.7 Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Audit ser it-Tlieta 26ta' Marzu 2013.

2.8 Is-Sindku nforma l-Kunsill li Jum il-Belt 2013 ser isir nhar 20 ta' Marzu 2013. Sar qbil li ssir quddiesa u riċeviment possibilment fi Pjazza de Valette. Is-Sindku propona li din s-sena gieh il-Belt jingħata lil l-ewwel Sindku Hector Bruno. Is-Sindku propona ukoll li jingħata ċ-ċittadinanza onorarja lil Mr Gu li huwa d-Direttur ta' Chinese Cultural Centre. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.9 Is-Sindku nforma l Kunsill li ġie avviċinat min Noel Magri promotur ta' Malta Music Awards fejn informa lil kunsill dwar il-kantant Peter Andre' u il-promozjoni li beħsibu jagħmel għal-Belt Valletta. Minħabba f'hekk, il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħatalu token bħala gratitudni ta' din il-promozjoni gratuita għal-Belt Valletta kif normalment isiru f'dawn iċ-ċirkostanzi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.10 Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser isiru l-preparamenti mat-tlett parroċċi biex isiru l-laqgħat waħda fil għodu fil-Parroċċa Santu Wistin u tnejn fil għaxija fil-Parroċċa San Pawl u Parroċċa San Duminku.

2.11 Is-Sindku nforma l-Kunsill li qed isiru diskussjonijiet biex jitella' grupp mill-Belt għal World Carnival Cities.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Lands biex jitneħħa parking space min quddiem store li għandhom f' St. Elmo Place. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba.

3.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Sur Jonathan Sheppard minħabba l-istat ta' Sappers Lane. L-Kunsill qabel li għandu jitlob stima biex isir l-uplifting u relaying taż-żonqor. L-Kunsill qabel ukoll li għandha s-sir bollard minħabba li qed issir abbuż f'dan l-isqaq minn vetturi kbar li qed jagħmlu ħsara l-paviment.

3.3 Il-Kunsill rċieva biex is-Sindku jattendi laqgħa – Dialogue with Mayors of EU Capital Cities. Is-Sindku ser ikun akkumpanjat mit-Town Centre Manager. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza bi proposta min għand Josette Caruana biex tagħmel monument ġewwa l-Ġnien Hastings. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fil-18.30pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 17.00hrs biex jiġu approvati l-Financial Statements.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku